**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 9 ta' April 2025**

**Rik.Gur.Nru : 54/2024 JPG**
**Kawza Nru: 14**

**KA**
**vs**
**NF**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attur KA datat 22 ta' Marzu 2024 *a fol 1 et seqq.,* li wara li premetta dak dikjarat talab:

*Ghaldaqstant, l-attur jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, previa kull provvediment iehor li l-Qorti jidhrilha huwa xieraq u opportun fic-cirkostanzi, joghgobha thassar, tikkancella u tirrevoka id-digriet data it-13 ta' Lulju 2023 in toto u tordna illi a skans ta' dubju l-access modifikat b' sehh tal-imsemmi digriet jerga' jidhol fis-sehh b'mod illi l-access jkun dak mahsub fil-kuntratt datat id-29 ta' Dicembru tas-sena 2016;*

*Bl-ispejjes, kontra l-istess konvenuta illi hija minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors tal-attur u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-konvenuta NF datata 25 ta' April 2024 *a fol 22 et seq* kif ukoll il-kontro-talba mressqa minnha *a fol 33 et seq.* li jipprovdu kif gej:

1. *Illi primarjament u minghajr prejudizzju ghas-suespost,* ***ir-rikors guramentat tal-attur tat-22 ta' Marzu 2024 huwa Null minhabba l-fatt li l-ligi taghti biss xahrejn cans mill-gheluq tal-medjazzjoni biex tinfetah kawza fuq ir-rigward****, u d-digriet tal-gheluq tal-medjazzjoni huwa datat 12 ta' Jannar 2024 (Dok A), ghaldaqstant l-attur kellu c-cans biss sat-12 ta' Marzu 2024 biex jiftah kawza, mentri l-kawza tieghu nfethet fit-22 ta' Marzu 2024.* ***Minhabba dan il-fatt din il-kawza ghandha tigi dikjarata nulla skond il-ligi tal-procedura u l-partijiet jergghu jintbaghtu ghal medjazzjoni kif trid il-ligi.***

2. *Illi jinghad ukoll li l-attur* ***qatt ma wera' ebda interess jasal ghal xi tip ta' ftehim fil-medjazzjoni, tant hu hekk li lanqas biss gie ghas-seduti*** *(Dok B). L-intimata xtaqet tiddiskuti mieghu l-access tat-tifla u x'kien qieghed idejjaq lit-tifla biex sahansitra wassalha biex tiftah rikors b'urgenza fir-rigward, izda l-attur ihobb jilghaba tal-vittma mentri filfatt qatt ma pprova b'xi mod jasal ghal xi tip ta' ftehim mal-intimata,* ***tant hu hekk li lanqas il- messaggi li tibghatlu ma jwiegeb****. Ta' min jghid ukoll li wara li nqala dan l-incident l-attur tant issupervja illi* ***la qieghed ihallas spejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri u kull darba li l-minuri jkun jehtigilha ssiefer ma ommha, l-intimata qed taghmel rikors generali ta' safar,*** *kif taf ben tajjeb din il-Qorti ghaliex l-atti dejjem qed jigu quddiemha.* ***Tant kemm ghandu ghal qalb l-interess tat-tifla minuri l-intimat, li lanqas meta kellha bzonn psikologa t-tifla ma ried jiffirma, u l-intimate kellha taghmel rikors lil din l-Onorabbli Qorti biex tinhatar psikologa!!***

3. *Illi m'hu veru xejn li l-intimata b'xi mod inqdiet bil-proceduri gudizzjarji sabiex icahhad lill-attur minn bintu. It-tifla giet lura minn btala ma' missierha mbezza u mbikkma u kienet hi stess li nsistiet li tkellem lil tac-Child Protection.* ***L-intimata wissiet lit-tifla li l-kaz kien ha jisserja jekk ha jkellmu lil tac-Child Protection biex taccerta ruhha li qed tghid il-verita', izda t-tifla baqghet tinsisti li hi riedet tkellem lil tac-Child Protection.*** *Huwa fuq kollox dmir li l-intimata li tiehu hsieb l- 'wellbeing' tat-tifla taghha, u ghalhekk meta giet lura mill-btala ma missierha mbengla u tibki bla*

*waqfien**, l-intimata ma setghetx ma taghtix piz lil dawn l- affarijiet meta kienet vittma hi stess ta' vjolenza domestika mal-attur**. Kien hemm kawzi ta' vjolenza domestika kontra l-attur qabel ma l-partijiet isseparaw, izda l-intimata giet kostretta twaqqahom biex jaslu ghal ftehim bonarju biex l-attur ifittex jitlaq minn go dahra minhabba li hu rrifjuta jitlaq minn go darha u jiffirma il-kuntratt ta' separazzjoni jekk din il-klawsla ma tkunx imnizzla fil-kuntratt.*

4. *It-tifla ghadha sa llum ma tafx ghalfejn missierha u ommha sseparaw u dan ghaliex l-intimata qatt ma qaltilha l-verita' li l-attur kien isawwatha fizikament u emozzjonalment biex it-tifla tmur ma' missierha minghajr ma tkun imbezza. **Hija dejjem segwiet il-pariri tal-professjonisti, pulizija u terapisti biex waslet sa fejn waslet u ghamlet ir-rikors urgernti li ghamlet, u dan kollu ghamlitu ghall-ghan wiehed biex tipprotegi lil bintha.***

5. *It-tifla tinsab imwerwra minn missierha u kien propju ghal dan ir-raguni li forsi lill-avukat tat-tfal meta kellmitha ma qaltilix il-verita' kollha, ghaliex kienet taf li missierha ha jsir jaf xi jkun intqal il-Qorti. Rigward id-diary tat-tifla li nkiteb wara l-btala, kienu tac-Child Protection stess kif ukoll psikologa li kkonsultat maghha l-intimata li hajru lit-tifla tikteb f'djarju dak li kienet ghaddiet minnu u dak li kienet qeghda thoss biex testernalizza l-'feelings' taghha u tkun tista tesprimihom ma' haddiehor, anki ghaliex it-tifla tibza hafna titkellem. Mhux l-istess jinghad ghat-terapista Dr Ingrid Baldacchino li kienet qeghda tara lit-tifla tul dan iz-zmien kollu wara li giet imqabbda minn din il-Qorti stess. It-tifla thobbha hafna lil din it-terapista u l-fiducja fiha nbniet hafna fuq perjodu ta' zmien u ghalhekk hija filfatt Dr Ingrid Baldacchino l-key witness tal-intimata fuq dan il-kaz li tista' taghti dawl fuq dak li verament qeghda tghaddi minnu t-tifla u x'qeghda thoss fir-rigward.*

6. *Illi barra minn hekk l-attur kien xehed fil-proceduri gudizzjarji li t-tifla meta kienu fuq btala kienet tithalla wehedha go park mal-lukanda ghax qal li kien apposta biex joqghodu hemm it-tfal waqt li l-genituri taghhom jallargaw u jistriehu fil-kamra. It-tifla qalet lil ommha li tghidtx kemm kienet tibza wehedha u kienet toqghod bilqeghda fuq bank ghax kienet tibza. Missierha kien hadilha l-airtag u l-mobile jigifieri kieku kien allahares qatt inqala xi haga t-tifla qas kien ikollha biex tikkuntatjah !! L-intimata kkuntattjat il-lukanda koncernata biex ticcekja jekk dan il-park hux veru jezisti u l-*

*lukanda wiegbu li m'ghandhom ebda park ta' dan it-tip. Ghalhekk din kienet biss xhieda falza u invertiera tal-attur li pprova jqarraq bil-Qorti li huwa xi missier ezemplari mentri filfatt l-intimata ghandha provi li dan il-park ma kienx jezisti. Dan huwa l-interess fenomenali li ghandhu l-attur f'bintu, li jhalli tifla ta' tmien snin f'park wahedha barra minn Malta minghajr ebda mezz ta' komunikazzjoni!! Jinghad ukoll li l-attur kemm il-darba halla lil bintu wahedha Malta wkoll waqt l-access izda l-intimata qatt ma qalghet intoppi fuq dawn l-affarijiet ghaliex bezghet li l-affarijiet jiggravaw, kif filfatt ghamlu appena fethet ir-rikors urgenti.*

7. *Illi hija t-tifla stess li filfatt ma tridtx tmur access wehidha ma missierha. Qieghda ukoll thossha skomda li tmur ghall-access ghaliex meta qeghda tmur ghall-access il-familja tieghu qeghdin joqghodu jitkellmu bil-lingwa Taljana, lingwa li l-minuri ma tifhimx, u qieghda thossha eskluza u qisha barranija ma' familtha stess. It-tifla hija mbezza hafna mill-attur u ma tkunx trid tkellmu fuq l-ebda haga u lanqas tghidlu l-feelings taghha, avolja ommha tinsisti maghha li dan ghandha taghmlu ghax dak missierha. Tant hi mbezza minn missierha li qieghda tmur lura d-dar t'ommha tghid li trid toqghod attenta kif titkellem u certu kliem ahjar ma tuzahomx ghax missierha jirrabja, bhal specjalment jekk jissemma isem Adrian (il-partner ta' ommha) jew bi zball lill-missierha tghajjatlu b'isem Adrian. Kien hemm incident partikolari per ezempju fejn it-tifla kienet mieghu u waqghet minn fuq il-hoverboard u wegghet, izda kienu nies stranjeri li ghenuha ghaliex l-attur lanqas biss induna ghax kien meghdi fil-mobile.*
8. *L-attur qed jipprova jpingi ruhu bhala missier ezemplari mentri filfatt mhux veru xejn li jinteressah mit-tifla, u dan ghaliex lanqas ghal parents day ma jitfacca ghal ragunijiet varji.  Hu dejjem lest li jinkolpa lil haddiehor ghax huwa  narcissist pur, u dan gie ppruvat ukoll fir-rapport tal-psikologa tal-annullament tal-Kurja li hadu l-partijiet meta sseparaw. Tant ma jihux interess f'bintu li lanqas fic-chat tal-klassi tat-tifla ma baqa ghax qal li jdejquh jibghatu l-hin kollu. Din ic chat qieghda apposta biex il-genituri jiddiskutu homeworks u issues li jkollhom it-tfal l-iskola. L-attur qatt ma ghen lil bintu taghmel il-homework, u meta drabi rari kienet tiehu xi homework ghandu, kienet tigi lura bil-karti mghaffgin, homework mhux lest jew fuq xi karti mhux prezentatabbli ghall- iskola tant li l-homework ikollu jerga  jsir fis-sebgha u nofs ta' filghaxija wara li t-tifla tigi lura mill-access!!*

9. *Illi din l-Onorabbli Qorti ndunat li kien hemm l-inkwiet genwin meta tat id-digriet taghha tat-13 ta' Lulju 2023 u kien ghalhekk li kkawtelat ruhha billi pprotegiet lit-tifla mill-periklu, u mhux veru xejn ghax kien hemm xi tip ta' tixwix minghand l-intimata.*
10. *Illi ghal dawn il-motivi it-talba tal-attur ghandha tigi michuda fl-intier taghha fil-fatt u fid-dritt, u dan tenut kont provvedimenti ohra li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.*
11. *Illi l-ispejjez tal-kawza odjerna ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti in toto, stante' (i) t-tortijiet tieghu u (ii) minkejja diversi tentattivi da parti tal- eccipjenti sabiex jintlahaq ftehim bonarju dwar il-minuri, ir-rikorrenti fixkel u harbat kull possibilita' ta' transazzjoni bin-nuqqas ta' nteress tieghu fil-proceduri ta' medjazzjoni u konsistentement wera' li hu qatt ma kien dispost jasal ghal ftehim barra l-Qorti.*
12. *Illi l-eccipjenti qed tipprevalixxi ruhha mill-istanza attrici u qeghda tipproponi s-segwenti talba rikonvenzjonali.*
13. *Salvi eccezzjonijiet ulterjur hekk kif permessi skont il-ligi, u bl-ispejjez.*

<u>*Kontro-talba ta' NF*</u>

1. *Tafda lill-eccipjenti bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri PAF, b'access limitat favur ir-rikorrenti rikonvenut li ghandu jigi regolat minn din l-Onorabbli Qorti b'mod illi jigu mharsa l-interessi supremi tal-minuri u taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg jew ta' kwalunkwe persuna jew awtorita' ohra li din il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportune skont ic-cirkostanzi;*
2. *Tikkundanna lir-rikorrenti konvenut sabiex ihallas lill-eccipjenti zieda ta' manteniment u minflok il-mitejn u hamsin Euro (250 Euro) li jhallas fix-xahar jibda jhallas is-somma ta' erba mitt Euro (400 Euro) fix-xahar u dan b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz l-ordni ghall- hlas dirett mill-paga tar-rikorrenti rikonvenut, li ghandhom jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti;*
3. *Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenut sabiex ihallas lill-eccipjenti ghall- minuri PAF l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni, hwejjeg (darbtejn fis-sena kif imnizzla fil-kuntratt ta' separazzjoni) u attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri, b'dawk il-modalitajiet kollha tal- pagament, inkluz l-ordni ghall-hlas dirett mill-paga tar-rikorrenti rikonvenut, li ghandhom jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti.*

4. *Tawtorizza lir-rikonvenzjonata sabiex tkun tista' tapplika ghall-passaport tal-minuri skont il-ligi minhajr il-firma tal-intimat, u kemm il-darba din it-talba ma tintlaqax, ghandha tkun il-Qorti li tiddeciedi wara li tkun semghet il-partijiet;*
5. *Tordna lir-rikorrent rikonvenut sabiex fl-ahjar interess suprem tal-minuri jissottometti ruhu ghal psychiatric assessment taht dawk il-kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportune;*
6. *Tordna u tapplika fil-konfront tar-rikorrent rikonvenut Ordni ta' Trattament skond l-artikolu 37 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta that dawk il- kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportune fic-cirkostanzi;*

Rat ir-risposta tal-attur ghal kontro-talba ta' NF liema risposta guramentata hija datata 14 ta' Mejju 2024 u tinsab a *fol. 39 et seq* li taqra hekk

1. *Ill primarjament l-azzjoni ossija kontro-talba mressqa mill-konvenuta rikonvenzjonata hija nulla u namissibli billi qieghda ssir minghajr l-awtorizazzjoni mehtiega skont il-ligi, billi z-zmien ta' xahrejn imholli skont il-Ligi sabiex din il-kawza titressaq ghadda u ghalaq, u dan kif ammess mill-konvenuta stess fir-risposta guramentata taghha. Illi l-konvenuta kienet kuntenta thalli z-zmien moghti mill-Ligi sabiex tressaq kawza jghaddi u jghalaq billi ovjament ma kellha ebda raguni ghalfejn tressaq xi talba kontra l-attur missier Kien allura biss meta l-attur ressaq il-kawza sabiex jappella mid-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti illi l-konvenuta rat opportunita illi tirritalja billi tipprova tkompli tifirdu minn ma' bint;*
2. *Illi skont il-ligi u l-gurisprudenza anke fejn l-awtorizazzjoni mehtiega tkun giet moghtija jew xort' ohra tkun ghada ma skaditx, il-kawza ghall-kura u l-kustodja ma hijiex konnessa ma' kawza illi fiha qieghed jintalab appell minn digriet, u dan kif ikkontemplat fil-ligi u l-gurisprudenza u b'hekk din l-azzjoni ossija kontro talba hija nulla;*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedent u fi kwalunkwe kaz ghat-talbiet msemmija hawn, l-attur qieghed jirrispondi bil-mod segwenti:*

   a. *Illi primarjament l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba talbiet ghandhom jigu michuda in toto ghaliex huma legalment insosenibli peress illi l-materja ta' kura,*

*kustodja, access, manteniment u decizjonijiet dwar il-minuri huma regolati permezz ta' kuntratt bejn il-kontendenti u cioe l-att pubbliku data id-29 ta' Dicembru tas-sena 2016 fl-atti tan-nutar Dottor Jean Carl Debono. Liema kuntratt il-ligi trid illi jigu attakati b'mod specjali mahsub ghal daqshekk, li ma jikkorrispondi xejn ma dak imressaq u mitlub mill-konvenuta fil-kontro-talba taghha. In ghal daqshekk il-konvenuta qieghda taghzel illi tinjora ghall-kollox il-principju ta' pacta sunt sevanda';*

b. *Illi minghajr pregudizzju ghall-paragrafu precedent, l-attur sejjer iwiegeb kif gej:*

i. *Illi dwar l-ewwel talba assolutament ma huwiex fl-interess tat-tifla minuri PAF illi l-kura u kustodja taghha tigi fdata f'idejn il-konvenuta waheda ad eskluzjoni tal-attur missier, mhux biss ghax ma jezistu ebda ragunijiet fil-ligi sabiex il-missier jigi eskluz mill-kura u l-kustodja ta' bintu izda wkoll ghaliex ma huwa fl-interess ta' ebda wild illi l-genitur – b'mod partikolari f'dan il-kaz l-omm – juzaw it-tfal bhala ghodda kontra min verament ihobbhom. It-talba sabiex l-access jigi ezercitat taht supervizjoni wkoll ghandha tigi michuda stante illi ma jezistu ebda ragunijiet ghall-istess, in oltre kien biss il-gideb malizjuz tal-konvenuta omm illi wassal ghal biex il-missier qieghed jara lill-bintu taht is-supervizjoni ta' ohtu, u ghalhekk kellha ssir il-kawza pprezentata mill-attur missier;*

ii. *Illi t-tieni, t-tielet u r-raba talbiet huma opposti u skonessi mir-realta, b'mod illi ma jezistu ebda ragunijiet validi ghalfejn dawn ghandhom jintlaqghu. In oltre dawn it-talbiet kif hekk maghmula juru l-istat ta' animosita' illi ghandha l-konvenuta rikonvenzjonata illi qieghda sistematikament taghmel minn kollox sabiex twarrab u tbieghed lit-tifla minn ma' missierha tant illi l-attur rikonvenzjonat kellu jressaq dawn il-proceduri sabiex jzomm dan il-process ta' tbeghid milli jissokta.*

c. *Illi l-hames talba ghandha wkoll tigi michuda billi ma hijiex wahda kkontemplata fil-ligi u kif ukoll billi ma jezistu ebda ragunijiet validi fil-ligi sabiex din b'xi mod tintlaqa' b'dan illi hija ghal kollox skonessa mir-realta' u sservi biex turi biss l-istat ta' animostia' illi ghandha l-konvenuta rikonvenzjonata illi qieghda*

*sistematikament taghmel minn kollox sabiex twarrab u tbieghed lit-tifla minn ma' missierha. Kemm il-darba pero'- nonostante dak eccepit mill-attur - din il-Qorti thoss illi l-hames talba ghandha tintlaqa' ghandu jigi ordnat illi l-konvenuta tissottometti ruha wkoll ghal psychiatric assessment.*

d. *Illi s-sitt talba ghandha wkoll tigi michuda kemm ghaliex toqtol it-talba precedenti u cioe l-hames talba u kif ukoll ghaliex huwa car illi l-konvenuta – gradwata kif inhi fl-ghawwi tat-tfal mill-genituri – tifhem bizzejjed fil – psikologia biex tablet hrug ta' ordni ta' trattament f'cirkostanzi fejn tali talba mhux biss hija fattwalment skonessa mir-realta izda ma tistax issir legalment b'mod illi l-artikolu 37 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta – kif ikkwotat mill-konvenuta -huwa applikabbli biss ghal kawzi ghal separazzjoni personali, u ghalhekk mhux applikabbli f'dan il-kaz, in oltre t-talbiet dwar hrug ta' ordni ta' protezzjoni/ jew trattament jinhargu skont l-Artikolu 37 (2) meta jkun sar "rikors li jkun fih it-talba msemmija fil-proviso ghas-subartikolu 1" u allura ghall-istabbiliment ta' manteniment f'kawza ta' firda u/jew ghall-ordni dwar l-izgombrament ta' xi part mid-dar konjugali, ukoll f'kawza ta' firda. Huwa car illi din it-talba saret biex isservi biss biex turi l-animosita terribli illi genitor fdata bil-kura ta' wild ghandha ghall-genitur l-iehor;*

4. *Illi t-talba dwar il-kap tal-ispejjez ghandha tigi michuda u ghandha tkun il-konvenuta om milli tkun ordnata thallas l-ispejjez tal-kawza u l-kontro-talba.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Ottubru 2024 li permezz tieghu cahdet it-talba tal-attur ghar-rikusa tal-Qorti kif preseduta;

Rat il-verbal tal-8 ta' Jannar 2025 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghat-trattazzjoni dwar l-eccezzjonijiet preliminari numru wiehed fir-risposta guramentata tal-konvenuta u l-ecezzjoni numru tnejn tar-risposta ghall-kontro-talba;

Semghat it-trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuta dwar il-validita' o meno tar-rikors guramentat kif ukoll dwar l-eccezzjoni preliminari tal-attur fil-konfront tal-validita o meno tal-kontro-talba tal-intimata;

Rat l-atti u d-dokumentazzjoni kollha;

**Ikkonsidrat:**

L-eccezzjoni in dizamina, sollevata mill-konvenuta, qed titlob dikjarazzjoni gudizzjarja illi l-proceduri odjerni huma nulli stante li r-rikors guramentat ma giexipprezentat entro t-terminu ta' xahrejn skont id-dispozizzjoni relattiva tal-Ligi. *Di piu'* l-konvenuta pprezentat kontro-talba kontestwalment mar-risposta guramentata taghha. L-attur, fir-risposta guramentata tieghu ghall- kontro-talba, jirrileva li l-istess kontro-talba hija nulla stante li ma gietx ipprezentata entro t-terminu ta' xahrejn skont kif trid il-ligi stante li l-gurisprudenza tirrikjedi illi l-kontrotalba trid tissodisfa r-rekwiziti kollha necessarji ghall- validita' ta' kawza *ex novo.*

Il-validita' o meno tal-proceduri odjerni hija regolata mill-Ligi Sussidjarja 12.20 li tipprovdi kif gej:

> *7.(1)* ***Meta l-Qorti tkun awtorizzat lil xi wieħed mill-konjuġijipproċedi b'kawża għal separazzjoni personali jew divorzju, kullparti tista' tibda l-proċeduri fi żmien xahrejn jew f'dak iż-żmien itwal skond ma l-Qorti tista' tistabbilixxi għal xi raġuni gravi.***

Din il-Qorti tqis illi **d-digriet tal-gheluq tal-medjazzjoni** fil-kaz odjern **inghata nhar it-12 ta' Jannar 2024** u permezz ta' tali digriet iz-zewg partijiet gew awtorizzati jipprocedu bil-proceduri opportuni fit-terminu mpost mil-ligi (fol. 30A).
Din il-Qorti taghraf illi r-rikors guramentat tal-attur gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti nhar it-**22 ta' Marzu 2024** u ghalhekk **wara l-iskadenza** tat-terminu ta' xahrejn. L-attur setgha ntavola rikors sabiex jitlob estenzjoni tat-terminu kemm-il darba kellu raguni valida ghan-nuqqas ta' ottemporanza mat-terminu mpost mil-ligi u il-Qorti testendi dan t-terminu f'cirkostanzi idoneji u propizji. Fin-nuqqas, ta estensjoni pero, it-terminu ta' xahrejn jibqa' vigenti. Ghalhekk huwa minnu dak sostnut mill-konvenuta illi l-proceduri gew intavolati *fuori termine* u ghalhekk huma nulli.

Illi dwar il-validita' o meno tal-kontrotalba, din il-Qorti tqis illi l-Istitut tar-Rikonvenzjoni huwa regolat bid-dispozizzjonijiet tal-artiklu 396 *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

***396. Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:***

***a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew***

***(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha.***

***397. L-effett tal-kontro-talba, rigward il-proċedura, huwa dak li dwar it-talba oriġinali u l-kontro-talba jsir proċess wieħed u li ż-żewġ talbiet jiġu deċiżi fl-istess kawża***

***398.(1) Il-konvenut li jkun irid jipproponi r-rikonvenzjoni, għandu jagħmel il-kontro-talba tiegħu fir-risposta bil-miktub għar-rikors ġuramentat jew le.***

***(2)Il-kontro-talba għandha titressaq wara l-eċċezzjonijiet għat-talba oriġinali li jsiru kif meħtieġ bil-liġi; u l-konvenut għandu, dwar il-kontro-talba jħares, kemm jista' jkun, ir-regoli stabbiliti b'dan il-Kodiċi jew b'xi liġi oħra għall-att proċedurali li bih il-proċedimenti kienu l-ewwel inbdew.***

***(3)Meta l-proċedimenti jkunu b'rikors ġuramentat, kontro-talba magħmula fir-risposta ġuramentata <u>tkun tiswa daqs preżentata ta' rikors ġuramentat dwar dik it-talba</u>, li għandha tiġi notifikata lill-attur, li għandu jipproċedi daqs li kieku kien il-konvenut dwarha; u f'kull każ bħal dan, l-egħluq tal-proċedimenti preliminari bil-miktub u l-applikazzjoni tal-artikoli 151 u 152 għandhom jibdew mal-preżentata ta' dik ir-risposta ġuramentata mill-attur jew malli jagħlaq iż-żmien għall-preżentata tagħha.***

***400.Il-konvenut ma jistax jipproponi l-kontro-talba fi kwalità oħra minn dik li fiha jkun imħarrek, lanqas ma jista' jipproponi l-kontro-talba kontra l-attur fi kwalità oħra minn dik li fiha dan ikun deher fit-talba tiegħu. Ir-rinunzja għall-atti mill-attur mhix ta' xkiel ħalli tiġi deċiża l-kontro-talba.***

***401.Jekk, f'kawża li fiha l-konvenut jipproponi l-kontro-talba, l-attur jirrinunzja b'xi mod li jkun għall-atti, il-konvenut jista'dejjem jitlob li tiġi deċiża l-kontro-talba miġjuba 'l quddiem skont il-liġi.***

***402.Meta l-konvenut f'kawża jkun ippropona f'kawża oħra, talba konnessa ma' dik tal-attur skont l-artikolu 396, il-Qorti tista' tordna li ż-żewġ kawżi jiġu mismugħin flimkien.***

Il-forma tal-kontro-talba u l-validita taghha *o meno* giet indirizzata mill-Qrati nostrana fil-Gurisprudenza u fis-sentenza ***DC vs NC*** deciza minn din il-Qorti nhar il-15 ta' Frar 2023, din il-Qorti kif preseduta kienet irriteniet is-segwenti[1]:

***"Il-forma ta' kif ghandha ssir kontro-talba hija stabbilita' permezz ta' l-Artikolu 398(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti:***

***(2) Il-kontro-talba għandha titressaq wara l-eċċezzjonijiet għat-talba oriġinali li jsiru kif meħtieġ bil-liġi; u l-konvenut għandu, dwar il-kontro-talba jħares, kemm jista' jkun, ir-regoli stabbiliti b'dan il-Kodiċi jew b'xi liġi oħra għall-att proċedurali li bih il-proċedimenti kienu l-ewwel inbdew.***

***Illi ukoll l-artiklu 398(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta jistipula illi: "meta l-proċedimenti jkunu b'rikors ġuramentat, kontro-talba magħmula fir-risposta ġuramentata tkun tiswa daqs preżentata ta' rikors ġuramentat dwar dik it-talba, li għandha tiġi notifikata lill-attur, li għandu jipproċedi daqs li kieku kien il-konvenut dwarha." Illi dan is-sub artikolu, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, jindika illi effettivament l-istatus tal-kontro-talba huwa pari passu ma' dak ta' rikors gurmentat. Illi filfatt din il-Qorti tifhem, illi l-attur wara li gie notifikat bil-kontro-talba intavolata mill-konvenuta, intavola risposta***

[1] *Rik Gur Nru 32/2023 JPG*

***guramentata ghal din l-istess kontro-talba daqs li kienu kien il-konvenut dwarha kif tipprovdi l-ligi.***

***Il-Qorti tghaddi biex tezamina il-lanjanza tal-attur fis-sens li l-kontro-talba hija 'fuori termini' ghaliex giet ppresentata oltre mix-xahrejn moghtija mill-Qorti addetta mill-medjazzjoni. Il-Qorti tqis illi r-risposta guramentata tal-intimata giet ppresentata in termini, bi dritt ordinarju moghti lill-kontro-parti sabiex jippresenta il-kontro-talba, dritt sancit mill-ligi u mghoti lil kull kontro-parti skond id-dettami tal-Ligi. Dan d-dritt li tigi ntavolata kontro-talba, mhuwiex menomat jew ristrett fil-ligi tal-familja. Infatti, it-terminu ta' xahrejn mghoti mill-Qorti li tippresjedi l-Medjazzjoni huwa terminu li japplika biss ghal min ser jintavola il-litigazzjoni u cioe' ir-rikors guramentat promotur. Il-lanjanza tal-attur kienet forsi tirnexxi kieku l-intimata ddecidiet li tiftah litigazzjoni ad hoc wara l-gheluq tat-terminu ta' xahrejn mghotija fil-Medjazzjoni. Dan ma sehhx u l-intimata pprezentat, kif kellha kull dritt li taghmel, kontro-talba mar-risposta guramentata taghha"***

Illi ghaldaqstant u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u l-gurisprudenza citata li din il-Qorti qed terga tabbracja, din il-Qorti tqis li l-kontro-talba tal-konvenuta **mhix milquta' minn nullita'** ghaliex **giet ipprezentata *fuori termine* izda ghaliex hija marbuta mar-risposta guramentata** li rrispondiet ghar-rikors guramentat **li din il-Qorti qieset bhala null**.

**Ladarba l-azzjoni promotorja hija nulla, kull att li jsegwi minnha huwa wkoll null.**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tghaddi sabiex tilqa' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta u tiddikjara r-rikors guramentat ipprezentat mill-attur nhar it-22 ta' Marzu 2024 bhala null u bla effett. Konsegwentement tilqa' limitatament l-eccezzjoni preliminari tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta datata 25 t'April 2024 u tiddikjara l-istess kontro-talba bhala nulla u bla effett ghar-ragunijiet fuq indikati. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni**

**ulterjuri tat-talbiet tal-attur u t-talbiet tal-konvenuta fil-kontro-talba u l-eccezzjonijiet rispettivi u rimanenti tal-kontendenti.**

**Bl-ispejjez kontra l-attur.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**